**31. Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u Negozji ż-Żgħar, l-Onor. Chris Cardona jipproponi:-**

Billi, skont ir-Regolamenti Numru 2 tar-Regolamenti tal-Proċedura tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran, l-Assemblea għandha tikkonsisti f'rappreżentanti ta' kull Parlament tal-pajjiżi msieħba fil-Proċess ta' Barċellona liema rappreżentanti għandhom ikunu maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament, skont kif dan jiddeċiedi; u

Billi l-istess Regolamenti ta' Proċedura jistabbilixxu li l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta f'din l-Assemblea għandhom ikunu tlieta, u li jista' jkollhom tliet sostituti għalihom;

Hu għalhekk riżolut illi l-Kamra taħtar dawn il-Membri bħala r-Rappreżentanti tagħha:

L-Onor. Glenn Bedingfield – Kap tad-delegazzjoni
L-Onor. Anton Refalo
L-Onor. Carm Mifsud Bonnici

u illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

L-Onor. Etienne Grech
L-Onor. Alex Muscat
L-Onor. Karl Gouder

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull Rappreżentant u ta' kull Sostitut rispettiv tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-Rappreżentanti u Sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament, jew sakemm diin il-Kamra ma tiddeċidix xort'oħra.

07.07.2017